

# 2021

RAPPORT ANNALI

Approfondiment u  
twessigħ  
tal-protezzjoni tad-*data*

## SOMMARJU EŻEKUTTIV



edpb



European Data Protection Board

# **APPROFONDIMENT U TWESSIĠ TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA SOMMARJU EŻEKUTTIV**

Aktar dettalji dwar l-EDPB jistgħu jinstabu fuq il sit elettroniku tagħna fuq [edpb.europa.eu](https://edpb.europa.eu).



Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) huwa korp Ewropew indipendenti li nħoloq mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), bl-għan li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* madwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Dan l-għan jilħqu permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji (AS) u l-ħruġ ta' gwida ġenerali fiż-ŻEE kollha li tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data*.

L-EDPB jinkludi l-Kapijiet tal-AS tal-UE u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS). L-AS tal-pajjiżi taż-ŻEE (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) huma wkoll membri tal-EDPB, għalkemm ma għandhomx id-dritt li jivvotaw. Il-Kummissjoni Ewropea u – fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-GDPR – l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

L-Awtorità ta' Sorveljanza għandha d-dritt tiegħu sehem fl-attivitajiet u fil-laqgħat tal-EDPB. L-EDPB huwa bbażat Brussell.

L-EDPB għandu Segretarjat, li huwa pprovdut mill-EDPS. Memorandum ta' Qbil jiddetermina t-termini tal-kooperazzjoni bejn l-EDPB u l-EDPS.

## 1. 2021 – PUNTI EWLENIN

### 1.1. GWIDA LI SSEGWI D-DEĊIŻJONI TA' SCHREMS II

Bħala parti mix-xogħol ta' gwida tiegħu wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-311/18 *Schrems II*, l-EDPB ħareġ rakkomandazzjonijiet u opinjoni konġunta mal-EDPS.

Ir-Rakkomandazzjonijiet 01/2020 aġġornati dwar il-miżuri li jissupplimentaw l-għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell tal-UE tal-protezzjoni tad-*data* personali wara konsultazzjoni pubblika jikkomplementaw u huma konsistenti mal-Klawżoli Kuntrattwali Standard (SCCs) tal-Kummissjoni Ewropea għat-trasferimenti internazzjonali tad-*data*. L-Opinjoni Konġunta tal-EDPB-EDPS 02/2021 dwar l-SCCs għat-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi tiggwida lill-esportaturi dwar kif japplikaw l-SCCs korrettament billi jqisu r-rekwiżiti l-ġodda fil-GDPR u d-deċiżjoni *Schrems II*.

### 1.2. OPINJONI KONĠUNTA TAL-EDPB-EDPS DWAR L-ATT DWAR L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI

Wara l-pubblikazzjoni tal-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA), l-EDPB u l-EDPS adottaw l-Opinjoni Konġunta 05/2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali). L-opinjoni konġunta tkopri punti rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u l-allinjament mal-GDPR, iżda wkoll l-użi pprojbiti tal-IA, is-sistemi tal-IA b'riskju kbir, il-governanza u l-Bord Ewropew tal-IA, l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u l-interazzjoni mal-qafas tal-protezzjoni tad-*data*.

### 1.3. L-ARTIKOLU 65 TAD-DEĊIŻJONI VINKOLANTI TAL-GDPR DWAR WHATSAPP IRELAND

L-EDPB adotta deċiżjoni vinkolanti bbażata fuq l-Artikolu 65(1)(a) tal-GDPR, li kellha l-għan li tindirizza n-nuqqas ta' kunsens dwar ċerti aspetti ta' abbozz ta' deċiżjoni maħruġ mill-AS Irlandiża bħala l-awtorità superviżorja ewlenija (ASE) fir-rigward ta' WhatsApp Ireland Ltd. (WhatsApp IE) u l-oġġezzjonijiet sussegwenti espressi minn għadd ta' awtoritajiet superviżorji kkonċernati (ASK). L-EDPB ikkonkluda li jenħtiġ li l-AS Irlandiża temenda l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha dwar WhatsApp IE fir-rigward tal-ksur tat-trasparenza, il-perjodu biex l-operazzjonijiet tal-ipproċessar jinġiebu f'konformità u l-kalkolu tal-multa.

### 1.4. L-EWWEL DEĊIŻJONI VINKOLANTI URĠENTI SKONT L-ARTIKOLU 66 TAL-GDPR

L-EDPB adotta l-ewwel deċiżjoni vinkolanti urġenti tiegħu skont l-Artikolu 66(2) GDPR wara talba mill-AS ta' Hamburg, li kienet adottat miżuri proviżorji kontra Facebook Ireland Ltd. (Facebook IE) skont l-Artikolu 66(1) GDPR. Il-miżuri proviżorji pprojbixxew lil Facebook IE milli jipproċessa, għal tliet xhur, id-*data* tar-residenti Ġermaniżi li jużaw il-WhatsApp għall-iskopijiet ta' Facebook IE stess, wara bidla fit-Termini ta' Servizz u l-Politika ta' Privatezza applikabbli għall-utenti Ewropej ta' WhatsApp IE.

L-EDPB iddeċieda li l-kundizzjonijiet biex tiġi ppruvata l-eżistenza ta' ksur tal-GDPR u l-urġenza li jiġu adottati miżuri finali ma ġewx issodisfati, u b'hekk iddikjara li l-AS Irlandiża ma kellhiex bżonn tadotta miżuri finali kontra Facebook IE. Madankollu, l-EDPB talab lill-AS Irlandiża twettaq, bħala kwistjoni ta' prijorità, investigazzjoni statutorja; biex jiġi ddeterminat jekk tali attivitajiet ta' pproċessar kinux qed iseħħu jew le u, jekk kienu, jekk kellhomx bażi ġuridika xierqa skont l-Artikolu 5(1)(a) u l-Artikolu 6(1) GDPR; u biex jiġi investigat ulterjorment ir-rwol ta' Facebook IE.

### 1.5. OPINJONIJET TAL-EDPB DWAR L-ABBOZZI TA' DEĊIŻJONIJET TA' ADEGWATEZZA TAR-RENJU UNIT

Fl-2021, l-EDPB ħareġ żewġ opinjonijiet dwar l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-protezzjoni adegwata tad-*data* personali fir-Renju Unit u rakkomandazzjonijiet dwar l-adeqwatezza referenzjali skont id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi (LED).

L-Opinjoni 14/2021 hija relatata mal-protezzjoni adegwata tad-*data* personali fir-Renju Unit skont il-GDPR. Hija tivvaluta l-aspetti ġenerali tal-protezzjoni tad-*data* tal-qafas legali tar-Renju Unit. L-opinjoni teżamina wkoll l-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi tar-Renju Unit għad-*data* personali ttrasferita miż-ŻEE lejn ir-Renju Unit, għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u tas-sigurtà nazzjonali. L-Opinjoni 15/2021 ukoll hija relatata mal-protezzjoni adegwata tad-*data* personali fir-Renju Unit imma hija bbażata fuq l-LED. Hija tanalizza l-abbozz tad-deċiżjoni ta' adegwatezza fid-dawl tar-Rakkomandazzjonijiet 01/2021, kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti riflessa fir-Rakkomandazzjonijiet 02/2020 dwar il-Garanziji Essenzjali Ewropej għall-miżuri ta' sorveljanza. Dan kien l-ewwel abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar l-adeqwatezza ta' pajjiż terz skont l-LED li qatt ġie ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea u vvalutat mill-EDPB. Ir-Rakkomandazzjonijiet 01/2021 dwar ir-referenzjali tal-adeqwatezza skont l-LED jipprovdu gwida lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-livell ta' protezzjoni tad-*data* f'pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali skont l-LED.

## 2. L-ATTIVITAJIET TAL-BORD EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA FL-2021

Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR fiż-ŻEE kollha, l-EDPB joħroġ gwida ġenerali biex jiċċara l-liġijiet Ewropej dwar il-protezzjoni tad-*data*. Fl-2021, l-EDPB

adotta 14-il linja gwida u rakkomandazzjoni dwar suġġetti bħan-notifiki ta' ksur tad-*data*, il-kodiċijiet ta' kondotta bħala għodod għat-trasferiment tad-*data*, il-ħżin ta' *data* tal-karti ta' kreditu, l-assistenti diġitali virtwali u t-tifsira ta' termini speċifiċi fil-GDPR. Fost dawk il-linji gwida u rakkomandazzjonijiet, l-EDPB adotta wkoll sitt dokumenti wara konsultazzjoni pubblika.

L-EDPB adotta wkoll 15-il konsultazzjoni leġiżlattiva jew dikjarazzjoni indirizzati lill-leġiżlatur tal-UE jew lill-Istati Membri.

L-EDPB ħareġ opinjonijiet ta' konsistenza biex jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR mill-AS nazzjonali. Fl-2021, ħareġ 35 opinjoni skont-Art. 64 GDPR. Dawn l-opinjonijiet kienu jikkonċernaw prinċipalment abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar Regoli Korporattivi Vinkolanti, abbozzi ta' rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għal korp ta' monitoraġġ tal-kodiċi ta' kondotta jew korp ta' ċertifikazzjoni, kif ukoll abbozz ta' Klawżoli Kuntrattwali Standard.

## 3. ATTIVITAJIET TAL-AWTORITÀ SUPERVIŻORJA FL-2021

L-AS nazzjonali huma awtoritajiet pubbliċi indipendenti li jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-protezzjoni tad-*data*. Huma għandhom rwol ewlieni biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* tal-individwi, speċjalment billi jeżerċitaw setgħat korrettivi. Is-sit web tal-EDPB jinkludi għadd ta' azzjonijiet superviżorji tal-AS li jirrigwardaw l-infurzar tal-GDPR fil-livell nazzjonali. L-EDPB iżomm ukoll reġistru ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-AS nazzjonali b'konformità mal-proċedura ta' kooperazzjoni tal-Punt Uniku ta' Servizz (l-Artikolu 60 GDPR).

### 3.1. KOOPERAZZJONI TRANSFRUNTIERA

Wieħed mill-kompiti tal-AS huwa li jikkoordinaw it-teħid tad-deċiżjonijiet f'każijiet ta' pproċessar ta' *data* transfruntier.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2021, kien hemm 506 entrati ta' każijiet transfruntieri fil-bażi tad-*data* li 375 minnhom oriġinaw minn ilment, filwaqt li 131 kellhom oriġini differenti, fosthom investigazzjonijiet, obbligi legali u/jew rapporti tal-media.

Il-mekkaniżmu ta' Punt Uniku ta' Servizz jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni bejn l-ASE u l-ASK. L-ASE tmexxi l-investigazzjoni u taqdi rwol ewlieni fil-proċess biex jintlaħaq kunsens bejn l-ASK, minbarra li taħdem biex tittieħed deċiżjoni kkoordinata dwar il-kontrollur jew il-proċessur tad-*data*. Bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021, kien hemm 209 abbozzi ta' deċiżjonijiet, li rriżultaw f'141 deċiżjoni finali.

Il-proċedura ta' assistenza reċiproka tippermetti lill-AS jitolbu informazzjoni mingħand AS oħrajn jew jitolbu miżuri oħrajn għal kooperazzjoni effettiva, bħal awtorizzazzjonijiet jew investigazzjonijiet minn qabel. Bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021, l-AS bdew 243 proċedura ta' assistenza reċiproka formali u 2418-il proċedura ta' assistenza reċiproka volontarja.

#### 4. KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

L-EDPB għamel stħarriġ bħala parti mill-eżami mill-ġdid annwali tal-attivitajiet tal-EDPB skont l-Artikolu 71(2) GDPR. Il-mistoqsijiet kienu bbażati fuq il-ħidma u l-output tal-EDPB fl-2021, b'enfasi fuq il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, kollha bl-għan li tinkiseb stampa ċara dwar kemm il-partijiet ikkonċernati jsibu l-gwida tal-EDPB utli biex jinterpretaw id-dispożizzjonijiet tal-GDPR, u sabiex jiġu identifikati modi kif 'il quddiem l-individwi u l-organizzazzjonijiet jiġu sostnuti aħjar meta jinteraġixxu mal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE.

#### 5. L-ISTRATEĠIJA U L-OBJETTIVI GĦALL-2022

L-Istrateġija għall-2021-2023 tal-EDPB tinkludi erba' pilastru ewlenin, flimkien ma' sett ta' tliet azzjonijiet ewlenin għal kull pilastru bl-għan li dawn l-għanijiet jinkisbu. Fil-bidu tal-2021, l-EDPB adotta l-programm ta' ħidma tiegħu għal sentejn għall-2021-2022, skont l-Artikolu 29 tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB. Il-programm ta' ħidma jsegwi l-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija u se jwettaqhom fil-prattika.

**DETTALJI TA' KUNTATT**

Indirizz postali  
Rue Wiertz 60, B-1047 Brussels

Indirizz tal-uffiċċju  
Rue Montoyer 30, B-1000 Brussels